

Brussell, 3 ta' Novembru 2022
(OR. en)

14319/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0352(NLE)

ACP 119
AGRI 606
AGRIORG 117
COAFR 288
RELEX 1465
WTO 205

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	31 ta' Ottubru 2022
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 566 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-FSE stabbilit skont il-Ftehim Preliminari lejn Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa, u l-Parti Afrika Ċentrali, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-istabbiliment tas-Sottokumitat tal-FSE dwar l-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2022) 566 final.

Mehmuż: COM(2022) 566 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 31.10.2022
COM(2022) 566 final

2022/0352 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Komitat tal-FSE
stabbilit skont il-Ftehim Preliminari lejn Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-
Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa, u l-Parti Afrika Ċentrali, min-
naħa l-oħra, fir-rigward tal-istabbiliment tas-Sottokomitat tal-FSE dwar l-Agrikoltura
u l-Iżvilupp Rurali**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tal-FSE stabbilit skont il-Ftehim Preliminari lejn Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa, u l-Parti Afrika Ċentrali, min-naħa l-oħra, dwar l-istabbiliment tas-Sottokumitat tal-FSE dwar l-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali. Sal-lum, skont il-Ftehim, il-Parti Afrika Ċentrali hija komposta mir-Repubblika tal-Kamerun.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. **Il-Ftehim Preliminari lejn Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa, u l-Parti Afrika Ċentrali, min-naħa l-oħra**

Il-Ftehim Preliminari lejn Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa, u l-Parti Afrika Ċentrali, min-naħa l-oħra ("il-Ftehim") għandu l-għan li:

- (a) Jikkontribwixxi għat-tnaqqis u l-qerda ulterjuri tal-faqar bit-twaqqif ta' sħubija kummerċjali koerenti mal-għan tal-iżvilupp sostenibbli, l-Għanijiet tal-Iżvilupp tal-Millennju (MDGs) u l-Ftehim ta' Cotonou;
- (b) Jippromwovi ekonomija reġjonali fl-Afrika Ċentrali li hija aktar kompetittiva u aktar diversifikata, u tkabbir aktar b'saħħtu;
- (c) Jippromwovi l-integrazzjoni reġjonali, il-kooperazzjoni ekonomika u l-governanza tajba fir-reġjun tal-Afrika Ċentrali;
- (d) jippromwovi l-integrazzjoni progressiva tal-Parti tal-Afrika Ċentrali fl-ekonomija dinjija, b'konformità mal-għażliet politiċi u l-prijoritajiet ta' żvilupp tagħha;
- (e) itejjeb il-kapaċitajiet tal-Parti tal-Afrika Ċentrali fil-qasam tal-politika kummerċjali u fuq il-kwistjonijiet marbuta mal-kummerċ;
- (f) jistabbilixxi u jimplementa qafas regolatorju reġjonali effikaċi, prevedibbli u trasparenti għall-kummerċ u l-investiment fir-reġjun tal-Afrika Ċentrali, biex b'hekk jappoġġa l-kundizzjonijiet biex jitkabbru l-investimenti u l-inizjattivi tas-settur privat, u biex tiżdied il-kapaċità li jiġu offruti prodotti u servizzi, il-kompetittività u t-kabbir ekonomiku tar-reġjun;
- (g) jinforza r-relazzjonijiet eżistenti bejn il-Partijiet fuq il-bażi ta' solidarjetà u interess reċiproku. Għal dan l-għan, b'koerenza mal-obbligi tad-WTO, il-Ftehim se jtejjeb ir-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi, jappoġġa dinamika kummerċjali ġdida bejn il-Partijiet permezz tal-liberalizzazzjoni progressiva u asimetrika tal-kummerċ bejniethom u jinforza, ikabbar u japprofondixxi l-kooperazzjoni fis-setturi kollha li jikkonċernaw il-kummerċ;
- (h) jippromwovi l-iżvilupp tas-settur privat u t-kabbir tal-impjiegi.

Il-Ftehim ġie nnegożjat bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha minn naħa waħda, u l-Kamerun, ir-Repubblika Ċentru-Afrikana, il-Kongo, ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo, São Tomé u Príncipe, il-Gabon, il-Ginea Ekwatorjali, iċ-Chad min-naħa l-oħra. Sal-lum, skont il-Ftehim, il-Parti Afrika Ċentrali hija komposta mir-Repubblika tal-Kamerun. Il-Ftehim

mal-Parti Afrika Ċentrali ġie ffirmat fi Brussell fit-22 ta' Jannar 2009, u ġie applikat fuq bażi proviżorja mill-4 ta' Awwissu 2014.

2.2. Is-Sottokumitat għall-Agrikultura u l-Iżvilupp Rurali

Skont l-Artikolu 5 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tal-FSE UE-Afrika Ċentrali, adottati fil-15 ta' Diċembru 2016 bid-Deċiżjoni Nru 1/2016 tal-Kumitat tal-FSE, il-Kumitat tal-FSE jista' jwaqqaf taħt l-awtorità tiegħu sottokumitati responsabbli għat-trattament ta' suġġetti speċifiċi skont il-Ftehim.

Il-ħtieġa għat-twaqqif ta' dan is-sottokumitat ġiet inizjalata b'riżoluzzjoni meħuda matul l-ewwel laqgħa tal-Kumitat tal-FSE UE-Afrika Ċentrali, li saret fil-11 u t-12 ta' Mejju 2015 fi Brussell (il-Belġju) bejn l-UE u l-Kamerun.

Fid-9 u l-10 ta' Ġunju 2022, fil-qafas tas-sitt laqgħa tal-Kumitat tal-FSE bejn l-UE u l-Kamerun, il-Partijiet affermaw mill-ġdid ir-rieda tagħhom li jstabilixxu sottokumitat tal-FSE ddedikat għall-kwistjonijiet agricoli u pastorali u kellhom diskussjoni dettaljata dwar il-kontenut tal-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat tal-FSE li jstabilixxi tali sottokumitat. Dan l-abbozz ta' deċiżjoni ġie vvalidat bejn il-Partijiet, li qablu li jadottaw din id-deċiżjoni malajr kemm jista' jkun, wara rieżami mit-tim legali u f'konformità mal-proċeduri interni ta' kull Parti.

3. POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIĦED F'ISEM L-UNJONI

Din il-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill tistabilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fir-rigward tal-istabbiliment tas-Sottokumitat għall-Agrikultura u l-Iżvilupp Rurali stabbilit mill-FSE bejn l-UE u l-Afrika Ċentrali.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Princġipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabilixxu "l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim."

Il-kunċett ta' "atti li jkollhom effetti legali" jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola l-korp inkwistjoni. Huwa jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li "jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mill-korp leġiżlattiv tal-Unjoni"¹.

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Il-Kumitat tal-FSE huwa korp maħluq minn ftehim, jiġifieri l-Ftehim Preliminari lejn Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa, u l-Parti Afrika Ċentrali, min-naħa l-oħra.

L-att li l-Kumitat tal-FSE huwa mitlub jadotta jikkostitwixxi att li jkollu effetti legali. L-att previst se jkun vinkolanti skont id-dritt internazzjonali f'konformità mal-Artikolu 92 tal-Ftehim Preliminari lejn Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa, u l-Parti Afrika Ċentrali, min-naħa l-oħra.

¹ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi minn 61 sa 64.

L-att previst la jissupplimenta u lanqas ma jemenda l-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE tiddependi primarjament mill-objettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) TFUE trid tkun imsejsa fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik rikjesta mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-għan ewlieni u l-kontenut tal-att previst jirrelataw mal-politika kummerċjali komuni.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) tat-TFUE.

4.3. Għeluq

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

5. PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Peress li l-att tal-Kumitat tal-FSE UE-Afrika Ċentrali se jemenda l-Ftehim, huwa xieraq li dan jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* wara l-adozzjoni tiegħu.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-FSE stabbilit skont il-Ftehim Preliminari lejn Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa, u l-Parti Afrika Ċentrali, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-istabbiliment tas-Sottokumitat tal-FSE dwar l-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Preliminari lejn Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa, u l-Parti Afrika Ċentrali, min-naħa l-oħra, (il-“Ftehim”)², ġie ffirmat fi Brussell fit-22 ta' Jannar 2009 skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/152/KE³, u ġie applikat fuq bażi proviżorja mill-4 ta' Awwissu 2014.
- (2) Skont il-Ftehim, il-Parti Afrika Ċentrali hija komposta mir-Repubblika tal-Kamerun.
- (3) Skont l-Artikolu 92 tal-Ftehim, huwa stabbilit Kumitat tal-FSE UE-Afrika Ċentrali, li għandu jkun responsabbli għall-amministrazzjoni tal-oqsma kollha koperti mill-Ftehim u għat-twertiq tal-kompiti kollha msemmija fih.
- (4) Skont l-Artikolu 5 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kumitat tal-FSE UE-Afrika Ċentrali, adottat fil-15 ta' Diċembru 2016 bid-Deċiżjoni Nru 1/2016 tal-Kumitat tal-FSE, għat-twertiq effettiv tal-kompiti tiegħu, il-Kumitat tal-FSE UE-Afrika Ċentrali jista' jistabbilixxi taħt l-awtorità tiegħu sottokumitati responsabbli għat-trattament ta' suġġetti speċifiċi skont il-Ftehim. Għaldaqstant, il-Kumitat tal-FSE UE-Afrika Ċentrali jista' jistabbilixxi Sottokumitat tal-FSE dwar l-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali sabiex jintlaħqu l-oġettivi tal-Ftehim.
- (5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni dwar l-istabbiliment ta' Sottokumitat tal-FSE dwar l-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali peress li se jkollha effetti legali fl-Unjoni.
- (6) Il-pożizzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-istabbiliment tas-Sottokumitat għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali jenħtieġ li tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni anness ma' din id-Deċiżjoni,

² ĠU L 57, 28.2.2009, p. 1.

³ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/152/KE tal-20 ta' Novembru 2008 dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim Preliminari lejn Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, fuq naħa waħda u l-Parti Afrika Ċentrali, fuq in-naħa l-oħra (ĠU L 57, 28.2.2009, p. 1).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tal-FSE stabbilit mill-Ftehim interim għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa waħda, u l-Parti Afrika Ċentrali, min-naħa l-oħra, fir-rigward tal-istabbiliment ta' Sottokumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat tal-FSE anness ma' din id-Deċiżjoni.

Emendi minuri għall-abbozz ta' Deċiżjoni, li ma jinvolvux xi modifika sostanzjali, għandhom jiġu awtorizzati mingħajr deċiżjoni ġdida tal-Kunsill.

Artikolu 2

Wara l-adozzjoni tagħha, id-Deċiżjoni tal-Kumitat tal-FSE għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*